*5. Illi f`dan il-kuntest, galadarba li fiz-zmien illi s-socjeta` rikorrenti nnegozjat l-ftehim ta` self mall-kumpanniji Palmali Caspian Offshore Project Company Limited u Palmali Company Limited u fiz-zmien illi nnegozjat ukoll il-pakkett ta` garanziji illi riedet in kawtela tal-obbligi assunti minnhom hija ma talbet jew imponiet l-ebda limitazzjoni fuq s-socjetajiet ntimati jew minn minnhom milli jittrasferixxu l-ishma mertu tat-talbiet rikorrenti u wisq anqas ma talbu jew hadu xi rahan fuq l-istess ismha, s-socjetajiet intimati agixxew fil-limiti tad-drittjiet taghhom u skont il-ligi u s-socjeta` rikorrenti ma tistax issa tipprova tezercita drittijiet jew tiehu l-beneficcju ta` drittijiet li ma rrizervatx ghaliha fiz-zmien opportun.*

*6. Illi subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, s-socjeta` rikorrenti trid tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kwanlunkwe agir tas-socjeta` esponenti kien motivat minn intenzjonijiet frawdolenti u/jew abbuzivi u/jew illeciti u/jew in mala fede u/jew qarrieqa jew b`kompartecipazzjoni fl-istess hekk kif qed jigi allegat minnha fir-rikors promotur.*

*7. Illi fl-istess kuntest u sabiex tipprova l-frodi, qerq, mala fede jew agir abbuziv illi qed tallega, s-socjeta` rikorrenti ghandha tipprova illi l-valur tal-garanziji kollha moghtija lilha u li ghadha tgawdi l-beneficcju taghhom, inkluz l-ipoteki navali fuq xejn inqas minn seba` u erbghin (47) bastiment merkantili kif ukoll garanziji ohra ma huwiex sufficjenti biex jissodisfa l-pretensjonijiet tal-istess socjeta` rikorrenti.*

*8. Illi di piu` s-socjeta` rikorrenti ghandha tipprova l-bazi tal-pretensjoni taghha fir-rigward ta` kif is-socjeta` esponenti b`xi mod ibbenifikat ruhha skont kif l-istess socjeta` rikorrenti qeghda ssostni fir-rikors promotur.*

*9. Illi in oltre u in ogni caso, s-socjeta` rikorrenti ghandha (i) tipprova d-danni li allegatament soffriet, (ii) turi kif l-istess danni huma imputabbli lis-socjeta` esponenti kif ukoll (iii) iggib il-prova mehtiega skont il-ligi dwar il-likwidazzjoni tal-istess danni, u dan partikolarment in vista tal-fatt li s-socjeta` rikorrenti qeghda prezentament tenforza l-pretenzjonijiet taghha kontra l-patrimonju tad-debituri principali taghha, liema patrimonju ghandu jkopri d-djun taghha jew parti sostanzjali minnhom.*

*10. Illi ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma kollha nfondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.*

*11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-ligi.*

*Bl-ispejjez.*

***B. <u>Dikjarazzjoni ta` Fatti</u>***

*1. Illi l-validita` tal-garanzija allegatament moghtija mis-socjeta` esponenti giet ikkontestata fil-proceduri arbitrali ntavolati mis-socjeta` rikorrenti gewwa Londra.*

*2. Illi ma kien hemm xejn fil-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta` April 2016 li jipprohibixxi t-transferiment tal-ismha in kwistjoni u jinghad ukoll li l-istess ishma ma kienux sekwestrati jew maqbuda jew soggetti ghal ebda mandat jew kwalunkwe ordni tal-Qorti.*

*3. Illi l-istess transferiment sar bhala parti minn re-structuring shih tal-entitajiet kollha fi hdan il-grupp ta` kumpanniji, liema re-structuring kien qed issir bil-ghan li l-istess entitajiet jkunu jistghu jottjenu re-financing minn banek Torok.*

*4. Illi jinghad ukoll li t-talbiet attrici kollha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u kull allegazzjoni ta` frodi u/jew abbuz u/jew ta` agir illegali u/jew male fede qeghda tigi respinta stante li s-socjeta` esponenti dejjem agixxiet fil-parametri tal-ligi u ghal motivi li jirrispettaw it-test ta` dak li jipprovdu l-provvedimenti tal-ligi.*

*5. Illi din il-kawza giet intavolat mis-socjeta` rikorrenti b` ghan wahdieni u malizzjuz u cioe` sabiex twaqqaf b`mod illicitu kwalunkwe re-structuring intern bejn entitajiet konvenunti li jiffurmaw parti mill-istess grupp ta` kumpanniji, u dan biex tiffrusta t-tentattivi genwini tal-intimati sabiex jottjenu re-financing minghand istituzzjonijiet finanzarji ohra. Ghalhekk ghal kull buon fini s-socjeta` esponenti tiddikjara li qeghda tirriserva d-drittijiet kollha spettanti lilha kontra s-socjeta` rikorrenti f`dan ir-rigward.*

*6. Illi l-pretenzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti huma diga` kkawtelati gewwa r-Russja u dan pemezz tal-partimonju tad-debituri principali (s-socjetajiet esteri Palmali Company Limited u Palmali Caspian Offshore Project Company Limited) li jinkludi flotta tal-bastimenti merkantili u l-introjtu kollu mill-operat kummercjali tal-istess flotta minn dakinhar li gew intavolati proceduri ta` falliment kontra l-istess socjeta` debituri.*

*7. Illi ghal kull buon fini jinghad ukoll li l-allegazzjonijiet migjuba mis-socjeta` rikorrenti f` paragrafi 15 u 16 tar-rikors promotur huma kollha infondati. Illi t-tibdil tal-indirizz ufficjali tas-socjeta` esponenti sar ghar-ragunijiet kummercjali b`mod apert u pubbliku tant illi l-istess bidla giet debitament irregistrata mall-Malta Business Registry.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienet prezentata ma` din ir-risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata ta` Amin Sharabiany bhala mandatarju specjali tal-konvenut Mubariz Mansimov li kienet prezentata fl-24 ta` Frar 2020 u li taqra hekk :-

***A. <u>Eccezzjonijiet</u>***

*1. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni u/jew kompetenza sabiex tiehu konjizzjoni ta` dina l-vertenza fil-konfront tal-esponent, u dan ai terminu tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 742 ta` Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll stante li l-istess vertenza hija fondata fuq obbligazzjonijiet taht il-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta` April 2016 li allegatament giet moghtija mis-socjeta` Palmali Holding Company Limited, u liema garanzija tinkludi ftehim ta` arbitragg li fost affarijiet ohra tirrikjedi li kull kwistjoni marbuta ma` jew in konessjoni mall-istess Guaranty and Indemnity Agreement ghandha tigi ddeterminata bil-proceduri ta` arbitragg gewwa Londra u dan skont Klawsola 19.3 tal-istess ftehim u ghaldaqstant ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` din il-kawza.*

*2. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tidrilha li ghandha tiehu konjizzjoni ta` dina l-vertenza ghandha tigi applikata il-ligi Ingliza bhala l-ligi applikabbli, u dan ai termini tal-Klawsola 19.1 tal-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta` April 2016 kif ukoll id-dispozizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta` Gunju 2008 dwar il-ligi applikabbli ghall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I).*

*3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, l-esponent qed jikkontesta bis-sahha t-talbiet attrici kollha bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u qed jirrespingi kull allegazzjoni ta` frodi u/jew abbuz u/jew ta` agir illegali u/jew male fede stante li hu dejjem agixxa fil-parametri tal-ligi u ghal motivi li jirrispettaw it-test ta` dak li jipprovdu l-provvedimenti tal-ligi.*

*4. Illi l-esponent dejjem esercita d-drittijiet tieghu skont il-ligi u b`hekk ma jistax ikun responsabbli ghal xi danni, u dan ai termini tal-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili.*

*5. Illi f`dan il-kuntest, galadarba li fiz-zmien illi s-socjeta` rikorrenti nnegozjat l-ftehim ta` self mall-kumpanniji Palmali Caspian Offshore Project Company Limited u Palmali Company Limited u fiz-zmien illi nnegozjat ukoll il-pakkett ta` garanziji illi riedet in kawtela tal-obbligi assunti minnhom hija ma talbet jew imponiet l-ebda limitazzjoni fuq s-socjetajiet ntimati jew minn minnhom milli jittrasferixxu l-ishma mertu tat-talbiet rikorrenti u wisq anqas ma talbu jew hadu xi rahan fuq l-istess ismha, l-intimati agixxew fil-limiti tad-drittjiet taghhom u skont il-ligi u s-socjeta` rikorrenti ma tistax issa tipprova tezercita drittijiet jew tiehu l-beneficcju ta` drittijiet li ma rrizervatx ghaliha fiz-zmien opportun.*

*6. Illi subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, s-socjeta` rikorrenti trid tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kwanlunkwe agir tal-esponent kien motivat minn intenzjonijiet frawdolenti u/jew abbuzivi u/jew illeciti u/jew in mala fede u/jew qarrieqa jew b`kompartecipazzjoni fl-istess hekk kif qed jigi allegat minnha fir-rikors promotur.*

*7. Illi fl-istess kuntest u sabiex tipprova l-frodi, qerq, mala fede jew agir abbuziv illi qed tallega, s-socjeta` rikorrenti ghandha tipprova illi l-valur tal-garanziji kollha moghtija lilha u li ghadha tgawdi l-beneficcju taghhom, inkluz l-ipoteki navali fuq xejn inqas minn seba` u erbghin (47) bastiment merkantili kif ukoll garanziji ohra ma huwiex sufficjenti biex jissodisfa l-pretensjonijiet tal-istess socjeta` rikorrenti.*

*8. Illi di piu` s-socjeta` rikorrenti ghandha tipprova l-bazi tal-pretensjoni taghha fir-rigward ta` kif l-esponent b`xi mod ibbenifika skont kif l-istess socjeta` rikorrenti qeghda ssostni fir-rikors promotur.*

*9. Illi in oltre u in ogni caso, s-socjeta` rikorrenti ghandha (i) tipprova d-danni li allegatament soffriet, (ii) turi kif l-istess danni huma imputabbli lill-esponent kif ukoll (iii) iggib il-prova mehtiega skont il-ligi*

*dwar il-likwidazzjoni tal-istess danni, u dan partikolarment in vista tal-fatt li s-socjeta` rikorrenti qeghda prezentament tenforza l-pretenzjonijiet taghha kontra l-patrimonju tad-debituri principali taghha, liema patrimonju ghandu jkopri d-djun taghha jew parti sostanzjali minnhom.*

*10. Illi ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma kollha nfondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.*

*11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-ligi.*

*Bl-ispejjez.*

***A. <u>Dikjarazzjoni ta` Fatti</u>***

*1. Illi l-validita` tal-garanzija allegatament moghtija mis-socjeta` Palmali Holding Company Limited giet ikkontestata fil-proceduri arbitrali ntavolati mis-socjeta` rikorrenti gewwa Londra.*

*2. Illi ma kien hemm xejn fil-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta` April 2016 li jipprojbixxi t-transferiment tal-ismha in kwistjoni u jinghad ukoll li l-istess ishma ma kienux sekwestrati jew maqbuda jew soggetti ghal ebda mandat jew kwalunkwe ordni tal-Qorti.*

*3. Illi l-istess transferiment sar bhala parti minn re-structuring shih tal-entitajiet kollha fi hdan il-grupp ta` kumpanniji, liema re-structuring kien qed issir bil-ghan li l-istess entitajiet jkunu jistghu jottjenu re-financing minn banek Torok.*

*4. Illi Mubariz Mansimov huwa l-azzjonist wahdieni tas-socjetajiet konvenuti kollha.*

*5. Illi jinghad ukoll li t-talbiet attrici kollha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u kull allegazzjoni ta` frodi u/jew abbuz u/jew ta` agir illegali u/jew male fede qeghda tigi respinta stante li l-esponent dejjem agixxa fil-parametri tal-ligi u ghal motivi li jirrispettaw it-test ta` dak li jipprovdu l-provvedimenti tal-ligi.*

*6. Illi din il-kawza giet intavolat mis-socjeta` rikorrenti b` ghan wahdieni u malizzjuz u cioe` sabiex twaqqaf b`mod illicitu kwalunkwe re-structuring intern bejn entitajiet konvenunti li jiffurmaw parti mill-istess grupp ta` kumpanniji, u dan biex tiffrusta t-tentattivi genwini tal-intimati sabiex jottjenu re-financing minghand istituzzjonijiet finanzjarji ohra. Ghalhekk ghal kull buon fini l-esponent jiddikjara li qieghed jirriserva d-drittijiet kollha spettanti lilu kontra s-socjeta` rikorrenti f`dan ir-rigward.*

*7. Illi l-pretenzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti huma diga` kkawtelati gewwa r-Russja u dan pemezz tal-patrimonju tad-debituri principali (s-socjetajiet esteri Palmali Company Limited u Palmali Caspian Offshore Project Company Limited) li jinkludi flotta tal-bastimenti merkantili u l-introjtu kollu mill-operat kummercjali tal-istess flotta minn dakinhar li gew intavolati proceduri ta` falliment kontra l-istess socjeta` debituri.*

*8. Illi ghal kull buon fini jinghad ukoll li l-allegazzjonijiet migjuba mis-socjeta` rikorrenti f` paragrafi 15 u 16 tar-rikors promotur huma kollha infondati. Illi t-tibdil tal-indirizz ufficjali tas-socjetajiet esponenti sar ghar-ragunijiet kummercjali b`mod apert u pubbliku tant illi l-istess bidla giet debitament rregistrata mall-Malta Business Registry.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienet prezentata ma` din ir-risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata ta` Amin Sharabiany bhala mandatarju specjali tal-konvenuta Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi li kienet prezentata fl-<u>24 ta` Frar 2020</u> u li taqra hekk :-

***A. Eccezzjonijiet***

*1. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni u/jew kompetenza sabiex tiehu konjizzjoni ta` dina l-vertenza fil-konfront tas-socjetajiet esponenti ai terminu tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 742 ta` Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll stante li l-istess vertenza hija fondata fuq obbligazzjonijiet taht il-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta` April 2016 li allegatament giet moghtija mis-socjeta` Palmali Holding Company Limited, u liema garanzija tinkludi ftehim ta` arbitragg li fost affarijiet ohra tirrikjedi li kull kwistjoni marbuta ma` jew in konessjoni mall-istess Guaranty and Indemnity Agreement ghandha tigi ddeterminata bil-proceduri ta` arbitragg gewwa Londra u dan skont Klawzola 19.3 tal-istess ftehim u ghaldaqstant ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` din il-kawza.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari ukoll, dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni u/jew kompetenza sabiex tiehu konjizzjoni ta` dina l-vertenza fil-konfront tas-socjetajiet esponenti ukoll stante li l-istess vertenza hija fondata fuq obbligazzjonijiet taht il-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta` April 2016 li allegatament giet moghtija mis-socjeta` Palmali Holding Company Limited, u liema garanzija tinkludi ftehim ta` arbitragg li fost affarijiet ohra tirrikjedi li kull kwistjoni marbuta ma` jew in konessjoni mall-istess Guaranty and Indemnity Agreement ghandha tigi ddeterminata bil-proceduri ta` arbitragg gewwa Londra u dan skont Klawzola 19.3 tal-istess ftehim u ghaldaqstant ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` din il-kawza.*

*3. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tidrilha li ghandha tiehu konjizzjoni ta` dina l-vertenza ghandha tigi applikata il-ligi Ingliza bhala l-ligi applikabbli, u dan ai termini tal-Klawzola 19.1 tal-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta` April 2016 kif ukoll id-dispozizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta` Gunju 2008 dwar il-ligi applikabbli ghall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I).*

*4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, s-socjeta` esponenti qeghda tikkontesta bis-sahha t-talbiet attrici kollha bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u qeghda tirrespingi kull allegazzjoni ta` frodi u/jew abbuz u/jew ta` agir illegali u/jew male fede stante li hija dejjem agixxiet fil-parametri tal-ligi u ghal motivi li jirrispettaw it-test ta` dak li jipprovdu l-provvedimenti tal-ligi.*

*5. Illi s-socjeta` esponenti dejjem ezercitat d-drittijiet taghha skont il-ligi u b`hekk ma tistax tkun responsabbli ghal xi danni, u dan ai termini tal-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili.*

*6. Illi f`dan il-kuntest, galadarba li fiz-zmien illi s-socjeta` rikorrenti nnegozjat l-ftehim ta` self mall-kumpanniji Palmali Caspian Offshore Project Company Limited u Palmali Company Limited u fiz-zmien illi nnegozjat ukoll il-pakkett ta` garanziji illi riedet in kawtela tal-obbligi assunti minnhom hija ma talbet jew imponiet l-ebda limitazzjoni fuq s-socjetajiet ntimati jew minn minnhom milli jittrasferixxu l-ishma mertu tat-talbiet rikorrenti u wisq anqas ma talbu jew hadu xi rahan fuq l-istess ismha, s-socjetajiet ntimati agixxew fil-limiti tad-drittjiet taghhom u skont il-ligi u s-socjeta` rikorrenti ma tistax issa tipprova tezercita drittijiet jew tiehu l-beneficcju ta` drittijiet li ma rrizervatx ghaliha fiz-zmien opportun.*

*7. Illi subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, s-socjeta` rikorrenti trid tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kwanlunkwe agir tas-socjeta` esponenti kien motivat minn intenzjonijiet frawdolenti u/jew abbusivi u/jew illeciti u/jew in mala fede u/jew qarrieqa jew b`kompartecipazzjoni fl-istess hekk kif qed jigi allegat minnha fir-rikors promotur.*

*8. Illi fl-istess kuntest u sabiex tipprova l-frodi, qerq, mala fede jew agir abbuziv illi qed tallega, s-socjeta` rikorrenti ghandha tipprova illi l-valur tal-garanziji kollha moghtija lilha u li ghadha tgawdi l-beneficcju taghhom, inkluz l-ipoteki navali fuq xejn inqas minn seba` u erbghin (47) bastiment merkantili kif ukoll garanziji ohra ma huwiex sufficjenti biex jissodisfa l-pretensjonijiet tal-istess socjeta` rikorrenti.*

*9. Illi di piu` s-socjeta` rikorrenti ghandha tipprova l-bazi tal-pretensjoni taghha fir-rigward ta` kif is-socjeta` esponenti b`xi mod ibbenifikat ruhha skont kif l-istess socjeta` rikorrenti qeghda ssostni fir-rikors promotur.*

*10. Illi in oltre u in ogni caso, s-socjeta` rikorrenti ghandha (i) tipprova d-danni li allegatament soffriet, (ii) turi kif l-istess danni huma imputabbli lis-socjeta` esponenti kif ukoll (iii) iggib il-prova mehtiega skont il-ligi dwar il-likwidazzjoni tal-istess danni, u dan partikolarment in vista tal-fatt li s-socjeta` rikorrenti qeghda prezentament tenforza l-pretenzjonijiet taghha kontra l-patrimonju tad-debituri principali taghha, liema patrimonju ghandu jkopri d-djun taghha jew parti sostanzjali minnhom.*

*11. Illi ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma kollha nfondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.*

*12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-ligi.*

*Bl-ispejjez.*

***A. <u>Dikjarazzjoni ta` Fatti</u>***

*1. Illi l-validita` tal-garanzija allegatament moghtija mis-socjeta` esponenti giet ikkontestata fil-proceduri arbitrali ntavolati mis-socjeta` rikorrenti gewwa Londra.*

*2. Illi ma kien hemm xejn fil-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta` April 2016 li jipprohibixxi t-transferiment tal-ismha in kwistjoni u jinghad ukoll li l-istess ishma ma kienux sekwestrati jew maqbuda jew soggetti ghal ebda mandat jew kwalunkwe ordni tal-Qorti.*

*3. Illi l-istess transferiment sar bhala parti minn re-structuring shih tal-entitajiet kollha fi hdan il-grupp ta` kumpanniji, liema re-structuring kien qed issir bil-ghan li l-istess entitajiet jkunu jistaw jottjenu re-financing minn banek Torok.*

*4. Illi jinghad ukoll li t-talbiet attrici kollha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u kull allegazzjoni ta` frodi u/jew abbuz u/jew ta` agir illegali u/jew male fede qeghda tigi respinta stante li s-socjeta` esponenti dejjem agixxiet fil-parametri tal-ligi u ghal motivi li jirrispettaw it-test ta` dak li jipprovdu l-provvedimenti tal-ligi.*

*5. Illi din il-kawza giet intavolat mis-socjeta` rikorrenti b` ghan wahdieni u malizzjuz u cioe` sabiex twaqqaf b`mod illicitu kwalunkwe re-structuring intern bejn entitajiet konvenunti li jiffurmaw parti mill-istess grupp ta` kumpanniji, u dan biex tiffrusta t-tentattivi genwini tal-intimati sabiex jottjenu re-financing minghand istituzzjonijiet finanzarji ohra. Ghalhekk ghal kull buon fini s-socjeta` esponenti tiddikjara li qeghda tirriserva d-drittijiet kollha spettanti lilha kontra s-socjeta` rikorrenti f`dan ir-rigward.*

*6. Illi l-pretenzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti huma diga` kkawtelati gewwa r-Russja u dan pemezz tal-partimonju tad-debituri principali (s-socjetajiet esteri Palmali Company Limited u Palmali Caspian Offshore Project Company Limited) li jinkludi flotta tal-bastimenti merkantili u l-introjtu kollhu mill-operat kummercjali tal-istess flotta minn dakinhar li gew intavolati proceduri ta` falliment kontra l-istess socjeta` debituri.*

*7. Illi ghal kull buon fini jinghad ukoll li l-allegazzjonijiet migjuba mis-socjeta` rikorrenti f` paragrafi 15 u 16 tar-rikors promotur huma kollha infondati. Illi t-tibdil tal-indirizz ufficjali tas-socjeta` esponenti sar ghar-ragunijiet kummercjali b`mod apert u pubbliku tant illi l-istess bidla giet debitament irregistrata mall-Malta Business Registry.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienet prezentata ma` din ir-risposta guramentata.

**Rat illi fl-udjenza tal-10 ta` Marzu 2019 il-qorti laqghet it-talba tal-partijiet sabiex isiru provi u tinghata decizjoni dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet ta` kull konvenut qabel tidhol fil-mertu.**

Rat in-nota tas-26 ta` Ottubru 2010 li permezz l-avukati li ffirmaw ir-risposti guramentati tal-konvenuti kollha rrinunzjaw ghall-patrocinju tal-konvenuti kollha.

Rat illi minkejja li l-konvenuti nghataw zmien sabiex jinkarigaw avukati godda baqghu nadempjenti.

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi d-dokumenti li kienu esebiti mill-partijiet, kif ukoll nota kongunta li pprezentaw il-partijiet kollha fejn iddikjaraw il-fatti illi dwarhom hemm qbil.

Semghet is-sottomissjonijet finali bil-fomm li ghamel id-difensur tal-attrici.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti kollha.

## II. Fatti

Fin-nota kongunta tad-9 ta` Lulju 2020, il-partijiet qablu dwar is-segwenti fatti :-

- Il-konvenut Mubariz Mansimov mhuwiex cittadin Malti, mhux domiciljat Malta, u lanqas jirrisjedi Malta.

- Il-konvenuta Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi hija kumpannija estera inkorporata fit-Turkija u registrata skont il-ligijiet tat-Turkija.

- Il-konvenuta Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi m`ghandhiex ufficcju u/jew indirizz registrat u/jew operat u/jew fergha u/jew prezenza f`Malta izda ghandha ishma registrati f`isimha f`kumpanniji registrati Malta, li b`mod indirett huma sidien ta` bastimenti registrati Malta.

- Il-konvenuta Palmali Holding Anonim Sirketi hija kumpannija estera nkorporata fit-Turkija u registrata skont il-ligijiet tat-Turkija.

- Il-konvenuta Palmali Holding Anonim Sirketi m`ghandhiex ufficcju u/jew indirizz registrat u/jew operat u/jew fergha u/jew prezenza f`Malta.

- Ebda konvenut b`mod espress jew tacitu qaghad volontarjament jew accetta li joqghod ghall-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin.

- L-attrici m`ghandhiex ufficcju u/jew indirizz registrat u/jew operat u/jew fergha u/jew prezenza hawn Malta.

- Bl-eccezzjoni tal-konvenuti Mubariz Mansimov, Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi, Palmali Holding Anonim Sirketi, il-konvenuti l-ohra kollha, inkluz Palmali Holding Company Limited u kumpanniji ohra li saret referenza ghalihom fir-rikors promotur bhala Sussidjarji Diretti u Sussidjarji Indiretti, huma kumpanniji registrati Malta u ghandhom indirizz registrat f`Malta.

- Fiz-zmien mertu ta` din il-kawza, il-konvenut Mubariz Mansimov kien u baqa` l-uniku azzjonista ta` Palmali Holding Company Limited.

- Il-konvenut Mubariz Mansimov kien minn dejjem direttur u chairman tal-kumpannija Palmali Holding Company Limited u b`effett mit-18 ta` Marzu 2018 baqa` l-uniku direttur ta` Palmali Holding Company Limited.

- Fiz-zmien mertu ta` din il-kawza, Mubariz Mansimov kien u baqa` l-unik direttur tas-Sussidjarji Diretti u Sussidjarji Indiretti.

## III. Provi

### 1. Sfond

Jirrizulta li bi ftehim tas-26 ta` April 2016, l-attrici **Sberbank**, bank registrat fir-Russja, u l-konvenuta Palmali Holding Company Limited ("**PHC**") ghamlu *Guarantee and Indemnity Agreement* permezz ta` liema PHC dahlet bhala garanti ta` self li Sberbank kien ghamel lil Palmali Caspian Offshore Project Company Limited u Palmali Company Limited, zewg kumpanniji li mhumiex parti f`din il-kawza. Il-partijiet fuq dak il-ftehim irregolaw il-kwistjoni tal-*Governing Law and Jurisdiction* bil-kawsola numru 19. Il-parti ta` din il-klawsola li hija ta` rilevanza ghad-decizjoni tal-lum taqra hekk :

*19.1 This guarantee and any dispute of claim arising out of or in connection with it or its subject matter of formation (including non-contractual disputes or claims) shall be governed by, and construed in accordance with, the law of England and Wales.*

*19.2 Subject to sub-Clause 19.3 (Arbitration), each of the parties hereto hereby irrevocably agrees that the courts of England shall have exclusive jurisdiction to settle any disputes which may arise out of or in connection with this guarantee and that accordingly any suit, action or proceedings (together referred to as "**Court Proceedings**") arising out of or in connection with any of the above may be brought in such courts.*

*19.3 Any dispute arising out of or in connection with this guarantee (including a dispute relating to the existence, validity or termination of this guarantee or any non-contractual obligation arising out of or in connection with this guarantee) (a "**Dispute**") shall be referred to and finally resolved by arbitration under the Arbitration Rules of the London Court of International Arbitration (LCIA) (the "**Rules**")*

Peress illi l-kreditu ma kienx saldat, Sberbank mexxiet biex tikkawtela d-drittijiet taghha. Fis-6 ta` April 2018 talbet u kisbet il-hrug

ta` mandat ta` sekwestru kawtelatorju bin-numru 550/18 fl-ismijiet *Sberbank vs Palmali Holding Company Limited* ghall-ammont ta` €170,947,000 oltre imghax u spejjez. Fis-6 ta` April 2018 l-istess bank talab u kiseb ukoll il-hrug ta` mandat ta` qbid kawtelatroju bin-numru 551/18 fl-ismijiet *Sberbank vs Palmali Holding Company Limited* ghall-istess ammont oltre l-imghax u spejjez. Fis-17 ta` April 2018 il-bank mexxa fil-mertu bi procediment arbitrali f`Londra skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-*Guarantee and Indemnity Agreement*.

Fil-pendenza tal-proceduri legali li Sberbank hadet kemm fil-qrati Maltin kif ukoll quddiem l-arbitru f`Londra, sar trasferiment ta` ishma minn ghadd ta` socjetajiet sussidjarji tas-socjetajiet sussidjarji ta` PHC li hija l-*holding company* fil-Palmali Group.

Jirrizulta nfatti li :-

- Fis-17 ta` April 2018 Armada Holding Two Company Limited (C-48213) ittrasferiet 600 sehem favur GUNESLI DENIZ TASIMACILIGI SANAYI VE TICARET ANONIM SIRKETI ("**Gunesli**")[1].

- Fl-24 ta` April 2018 Pal Bulk Holding Company Limited (C-64061) u Pal Tanker Holding Company Limited (C-64062) rispettivament ittrasferew 600 sehem favur Gunesli[2].

- Fl-24 ta` April 2018 Palmali Dry Cargo Holding Company Limited (C-36891), Palmali Voyager Holding Company Limited (C-36889), Pal Holding Company Limited (C-37282), IGM Holding Company Limited (C-33995), Marine Holding Company Limited (C-36893) rispettivament ittrasferew 600 sehem favur Gunesli[3].

[1] Form T esebita bhala Dok. B1 a fol. 44.
[2] Dok. B2 u Dok. B3 a fol. 45 u 46.
[3] Dok. B4, B5, B6, B7, B8 a fol. 47 sa 51.

## 2. Xiehda

**Mubariz Kurbanovich Mansimov** ipprezenta affidavit.

Xehed illi kien jinsab detenut f`Silivri Closed Prison fit-Turkija.

Stqarr illi huwa l-uniku direttur u l-uniku azzjonista ta` PHC li hija *private limited liability company* kostitwita u registrata Malta. Huwa wkoll l-uniku direttur tas-socjetajiet konvenuti li huma registrati Malta. Huwa wkoll direttur u chairman tal-kumpanniji konvenuti registrati t-Turkija. Fil-fatt Palmali Holding Anonim Sirketi u Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi m`ghandhomx ufficcju registrat f`Malta.

Xehed illi mhuwiex cittadin ta` Malta. Mhuwiex residenti jew domiciljat Malta. Lanqas kien prezenti f`Malta meta Sberbank mexxiet bl-azzjoni odjerna. Ghalkemm gieli kien Malta fuq xoghol, ma kienx Malta fl-2019.

Kompla jixhed illi la hu u lanqas is-socjetajiet registrati fit-Turkija qatt ma qablu jew issoggettaw ruhhom ghall-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin. Ghalhekk baqa` sorpriz kif l-azzjoni odjerna saret ukoll kontra PHC stante li kull ilment naxxenti mill-*Guarantee and Indemnity Agreement* huwa soggett ghall-procediment srbitrali f`Londra. Anke ghalhekk qal li ma setax jifhem ghaliex PHC giet imharrka f`dik il-kawza meta l-ilment ta` Sberbank mhux dirett kontra PHC.

## IV. L-azzjoni

Kemm fir-rikors guramentat, u aktar u aktar fil-kors tat-trattazzjoni tal-eccezzjonijiet preliminari li qeghdin jigu decizi llum, Sberbank ghamlet enfasi fuq il-fatt illi din tal-lum mhijiex azzjoni naxxenti *ex contractu* izda *ex delicto*. Fissret li l-azzjoni *ex contractu* u cioe` dik ghall-hlas lura tas-self saret bil-procediment arbitrali f`Londra skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-*Guarantee and Indemnity Agreement* tas-26 ta` April

2016. Mentri l-azzjoni odjerna hija mirata sabiex tinkiseb dikjarazzjoni u decizjoni mill-qorti li t-trasferiment tal-ishma kien abbuziv u/jew illecitu u/jew in mala fede u/jew qarrieqi ghad-detriment u dannu ta` Sberbank.

Jirrizulta Sberbank tat is-self mertu tal-*Guarantee and Indemnity Agreement* ghaliex kienet konfortata mill-fatt illi l-patrimonju ta` PHC kien sostanzjali u ghalhekk ra li kien hemm garanzija bizzejjed biex taghmel tajjeb ghall-kreditu avvanzat fil-kaz ta` *default.* Mill-provi jirrizulta illi fil-jiem immedjatament **wara** li nkiseb il-hrug ta` mandati kawtelatorji mill-qrati Maltin, u fl-istess jum li Sberbank mexxiet bl-arbitragg f`Londra, ghadd ta` sussidjarji li huma indirettament sussidjarji ta` PHC ittrasferew ishma f`Gunesli. Skont l-attrici, b`dan l-agir sehh riduzzjoni fil-patrimonju ta` PHC bil-konsegwenza li sar aktar difficli ghal Sberbank illi jirkupra l-flus mertu tas-self.

Fil-premessa numru 18 Sberbank tghid illi l-konvenuti m`ghandhomx jiehdu vantagg mill-agir frawdolenti taghhom. Imbaghad fil-premessa numru 20 tghid illi l-konvenuti jew min minnhom ghandhom jinzammu responsabbli direttament u personalment fil-konfront taghha inkluz ukoll ghad-dejn li PHC ghandha maghha. Tajjeb jinghad ukoll illi fil-premessa numru 20, il-bank ghamilha cara illi dik ta` llum mhijiex azzjoni diretta kontra PHC ghaliex kull pretensjoni li Sberbank kellha kontra PHC hija l-mertu tal-procediment arbitrali. PHC hija konvenuta fil-kawza odjerna biss ghall-iskop ta` integrita` ta` gudizzju.

Min-naha tal-konvenuti kien eccepit li l-qrati Maltin m`ghandhomx gurisdizzjoni ghar-raguni illi l-kwistjoni tac-*choice of jurisdiction and choice of law* hija regolata bil-klawsola 19.3 tal-*Guarantee and Indemnity Agreement*. B`zieda ma` dan, xi konvenuti eccepew li huma kumpanniji registrati fit-Turkija, waqt li l-konvenut Mansimov eccepixxa l-karenza tal-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin abbazi tal-Art 742 tal-Kap 12. Kompla jkun eccepit illi jekk kemm-il darba jirrizulta illi l-qrati Maltin ghandhom il-gurisdizzjoni sabiex jisimghu u jiddeciedu din il-kawza, allura ghandha tigi applikata l-ligi tal-Ingilterra kemm a tenur tal-klawsola 19.1 tal-*Guarantee and Indemnity Agreement* kif ukoll abbazi tar-regoli dwar il-ligi applikabbli f`kaz ta` obbligazzjonijiet kuntrattwali hekk kif regolata bid-dispozizzjonijiet tar-Regolament Nru 593/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta` Gunju 2008. Tajjeb jinghad illi ghalkemm il-piz tal-

prova kien jinkombi fuq il-konvenuti, dawn ma ressqux provi biex isostnu l-eccezzjonijiet taghhom.

Ghalkemm id-decizjoni tal-lum hija limitata ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha, waqt li kienet qeghda tezamina l-atti, il-qorti osservat illi l-konvenuta Gunesli ressqet tlett eccezzjonijiet ta` natura preliminari fejn it-tieni eccezzjoni hija estensjoni tal-ewwel wahda. Huwa permezz tal-eccezzjoni numru tlieta (3) illi Gunesli tressaq l-eccezzjoni taghha ghar-rigward tal-ligi li ghandha tapplika fil-kaz tal-lum. Il-qorti hija tal-fehma li minhabba l-ghadd ta` risposti illi gew ipprezentati, kien biss bi zvista illi l-partijiet ma ntebhux illi d-decizjoni odjerna kellha tigi wkoll estiza ghat-tielet eccezzjoni ta` Gunesli billi din l-eccezzjoni hija identika ghat-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti l-ohra.

**V.** **<u>L-Art 742(1) tal-Kap 12</u>**

Id-disposizzjoni taqra hekk :–

*Bla hsara ta` fejn il-ligi tiddisponi espressament xort`ohra, il-Qrati Civili ta` Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija :*

*(a) cittadini ta` Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domicilju taghhom band`ohra ;*

*(b) kull persuna, sakemm jew ghandha d-domicilju taghha jew tkun toqghod jew tkun qeghda Malta ;*

*(c) kull persuna, f`kawza dwar hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu f`Malta* ;

(*d*) *kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f`Malta, izda ghall-kawzi biss li ghandhom x`jaqsmu ma` dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta ;*

*(e) kull persuna illi, ghalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f`pajjiz iehor, tkun ftehmet li ghandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f`Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors ghandu jkollha effett f`Malta, kemm-il darba, f`kull kaz, dik il-persuna tkun tinsab Malta ;*

*(f) kull persuna, ghal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur cittadin ta` Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità guridika distinta jew assocjazzjoni ta` persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f`Malta, meta s-sentenza tista` tkun esegwita f`Malta ;*

*(g) kull persuna li tkun b`mod espress jew tacitu volontarjament qaghdet jew qablet li toqghod ghall-gurisdizzjoni tal-qorti.*

Fil-kors tat-trattazzjoni, Sberbank fissret li l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin ghandha tirrizulta abbazi tal-paragrafu (c) ghaliex l-agir lamentat jirrigwarda trasferiment ta` ishma li jikkostitwixxu l-assi ta` dawk mill-kumpanniji konvenuti li huma registrati Malta.

Fis-sentenza li tat fil-25 ta` Frar 1993 fil-kawza **Manduca noe v. Chetcuti noe** l-Qorti tal-Kummerc kienet irrimarkat illi ghalkemm il-mottiv ta` l-gurisdizzjoni skont il-paragrafu (c) huwa applikabbli l-aktar meta l-oggett tal-kawza jkun immobbli sitwat go Malta, jista` jkun il-kaz ukoll ta` mobbli, **izda jehtieg li dak l-oggett li jkun jinsab Malta jkun "*innifsu l-mertu tal-kawza*".**

Hekk ukoll fis-sentenza li tat fil-kawza **Scicluna v. Carbone** li kienet deciza fid-29 ta` Novembru 1884, kien osservat mill-Qorti tal-Kummerc illi :-

*"la parola "cosa" nel suo piu` ampio significato e` tutto cio` che che ha un valore di scambio, e, per essere piu` comprensivo, la legge si e` riferita a cose non solo situate, ma quelle semplicemente esistenti onde sono comprese non solo le cose materiali, o cose diconsi corporali, ma pure le cose immateriali che non si percepiscono da sensi ma hanno una esistenza intelletuale, come sarebbero un avviamento , un credito, o una publica estimazione di un commerciante, i titoli, i cheques per le cose che rappresentano, le obbligazioni e simili".*

Issir referenza wkoll ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Lulju 1987 fil-kawza **Ellul v. Valenzia** fejn iddikjarat li kellha gurisdizzjoni li tiddetermina kwistjoni bejn iz-zewg persuni mhux residenti Malta meta l-mertu tal-kawza kien jittratta depoziti li kienu jinsabu Malta. Il-gurisdizzjoni kienet tissussisti anke jekk id-depozitu lahaq kien zbankat fid-data meta kienet istitwita kawza [ara wkoll : **Xuereb v. Brincat** : Qorti tal-Kummerc : 11 ta` Gunju 1979].

Ishma ta` kumpannija huma hwejjeg mobbli b`definizzjoni **espressa** tal-ligi [ara l-**Art 315(a) tal-Kap 16**]. Hekk kien riaffermat fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fit-2 ta` Dicembru 2004 fil-kawza **Dr Anne Fenech noe v. Dr Louis Cassar Pullicino noe.** F`dik il-kawza, iz-zewg partijiet kienu barranin. Ma kienux assunti obbligi fir-rigward jew da parti ta` xi entita` Maltija. Il-kwistjoni bejn il-partijiet kienet tolqot, fost l-ohrajn, l-effett ta` ftehim dwar trasferiment ta` ishma f`kumpanniji registrati Malta. Fid-decizjoni taghha l-qorti kkunsidrat illi ladarba kienet registrata kumpannija Malta allura dik il-kumpannija giet taht l-iskrutinju tal-organi kompetenti Maltin. Meta l-obbligazzjoni tirreferi ghal ishma ta` dik il-kumpannija, dik l-obbligazzjoni titqies li tirreferi ghal oggett sitwat f`Malta ; ghalhekk fil-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin. Ishma kienu trattati bhala "hwejjeg" prezenti f`Malta ghall-fini tal-Art 742(1)(c) tal-Kap 12.

Fis-sentenza li tat fid-9 ta` Novembru 2012 fil-kawza **Mehmet Serdar Koca noe v. Dr Simon Micallef Stafrace noe**il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Illi ghalhekk il-Qorti, bla dubju, tista` tezercita l-gurisdizzjoni ai termini tal-Artikolu hawn imsemmi ghaliex hija ghandha taccerta ruhha jekk il-hwejjeg – jigifieri l-flus depozitati li in effett huma l-`bone of contention` jinsabux f`Malta jew le. Allura dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk il-flus li qed jintalbu jintraddu lis-socjeta` attrici humiex hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu Malta."*

Fis-sentenza li tat fl-14 ta` Jannar 2002 fil-kawza **L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli noe v. L-Avukat Dottor Joseph Bonnici noe et** il-

Qorti tal-Appell ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet illi huma ta` rilevanza ghall-kaz odjern :-

*"Fil-kuntest ta` dan l-Artikolu din il-Qorti trid tezamina din il-kawza tirrigwardax xi persuna f`xi wahda mis-sub-incizi ta` l-istess Artikolu 742 sub-artikolu 1.*

*Huwa minnu li dina l-kawza ghandha bhala zewg kontendenti, zewg persuni li l-ebda wahda minnhom ma hija cittadina Maltija jew domiciljata hawn Malta.*

*Pero` tirrigwarda b`mod indirett, pero` vitali socjeta` li ddomicilju taghha huwa zgur Malta.*

*Il-vitalita` tar-rigward huwa konsegwenza li l-azzjoni hija proprju intavolata biex tiddermina kif dina s-socjeta` sejra jkollha hajja, sejra titmexxa, stante illi persuna legali tagixxi biss permezz tad-diretturi li jidderiegi f`isimha.*

*Illi apparti minn dan, b`interpretazzjoni ftit larga pero` mhix inammissibbli, li l-assi socjali, infatti l-oqsma tal-istess huma "hwejjeg li qeghdin jew li jistghu jinsabu Malta" sub-inciz (c) tal-Artikolu, u li t-tmexxija ta` persuna legali ma tistax facilment tigi separata mill-entita` taghha nnifisha, liema entita` bir-registrazzjoni taghha hawn Malta tinstab Malta*."

## VI. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Fejn si tratta tal-allegata karenza ta` gurisdizzjoni tal-qrati Maltin, l-eccezzjoni tal-konvenuti hija fondata fuq dak li jghid il-*Guarantee and Indemnity Agreement*. Il-klawsoli numru 19.1 u 19.3 tal-ftehim jistabilixxu illi l-kwistjonijiet kollha relatati mal-oggett ta` dak il-ftehim, kemm kwistjonijiet ta` natura kontrattwali kif ukoll dawk ta` indole delittwali ghandhom jigu determinati permezz ta` arbitragg gewwa Londra u bl-applikazzjoni tal-ligijiet tal-Ingilterra. Il-konvenuti ghalhekk ighidu li dak il-ftehim ghandu jigi rispettat u applikat anki fir-rigward tal-mertu ta` din il-kawza.

Jehtieg li jkun detereminat min mill-konvenuti jista` jinvoka favur tieghu dak li jinghad fil-ftehim. Il-*Guarantee and Indemnity Agreement* sar bejn Sberbank u PHC. L-unika mill-konvenuti li kienet parti minn dak il-ftehim kienet PHC ; il-bqija tal-konvenuti ma kienux kontraenti, lanqas Mansimov. Ghalhekk ma jistghux joqghodu fuq dak il-ftehim sabiex ighidu li din il-qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni. Ferm il-premess, il-qorti ssib illi hija biss PHC illi tista` takkampa fuq il-ftehim illi tieghu kienet parti ; ghandhiex ragun jew le biex tghid li din il-qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni hija kwistjoni ohra.

L-oggett tal-*Guarantee and Indemnity Agreement* kien self li ghamlet Sberbank ghal liema self PHC kienet garanti. Il-pern li fuqu jdur il-mertu ta` din il-kawza huwa t-trasferiment ta` ishma li allegatament serva sabiex inaqqar l-assi ta` PHC ghad-detriment ta` Sberbank. Il-mertu ta` din il-kawza jizboq il-mertu tal-*Guarantee and Indemnity Agreement*. Ghalhekk lanqas PHC ma tista` tattakka l-gurisdizzjoni ta` din il-qorti billi tirreferi ghall-ftehim. Ghalhekk il-konvenuti ma jistghux jinvokaw il-klawsola 19.1 tal-kuntratt. L-oneru tal-prova tal-eccezzjonijiet li qeghdin jigu decizi llum kien jinkombi lill-konvenuti ; prova din li ma gietx ghajr ghal dak li rrizulta mill-atti tal-kawza.

Il-mertu tal-kawza jittratta trasferiment ghad-detriment tal-attrici ta` ishma li huma assi tas-socjetajiet intimati li huma registrati Malta. L-ilment tal-attrici jolqot il-buon ordni fi hdan kumpannija u jestendi ghall-agir u ghad-decizjonijiet li hadu d-diretturi, l-azzjonisti jew il-beneficjarji ta` dawk is-socjetajiet registrati Malta. Dawn il-materji huma koperti mill-Art 742(c) tal-Kap 12 u jestendi l-gurisdizzjoni ta` din il-qorti mhux biss fir-rigward tas-socjetajiet registrati Malta izda wkoll fir-rigward taz-zewg socjetajiet registrati fit-Turkija, li favur wahda minnhom sar it-trasferiment, u favur ukoll Mansimov in kwantu kull decizjoni li bhala beneficjarji, azzjonisti jew diretturi setghu hadu fir-rigward tas-socjetajiet registrati Malta u specifikament dwar it-trasferiment tal-ishma.

**Ghalhekk il-qorti ghandha <u>gurisdizzjoni</u> skont l-Art 742(1)(c) tal-Kap 12.**

Kien eccepit ukoll li l-ligi Ingliza hija l-ligi applikabbli ghall-kwistjoni bejn il-partijiet. Il-qorti diga` qieset safejn japplika l-*Agreement.* Ir-

Regolament citat mill-intimati japplika biss ghall-istati membri tal-UE eskluza d-Danimarka. Ladarba t-Turkija mhijix membru tal-UE, fil-kaz ta` dawk l-intimati domiciljati fit-Turkija, ma jisghux japplikaw ir-regoli dwar obbligazzjonijiet kontrattwali kontenuti fir-Regolament.

**Il-ligi ta` Malta tirregola kif jista` jsir trasferiment ta` ishma ta` kumpanniji. Ladarba fost il-konvenuti hemm kumpanniji li huma registrati Malta, il-hidma taghhom hija soggetta ghad-dritt Malti. Ladarba t-trasferiment tal-ishma sar Malta, il-*lex loci solutionis* hija l-*proper law* sabiex tirregola l-kwistjoni bejn il-partijiet.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :**

**Tichad l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti kollha.**

**Tichad it-tielet (3) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi.**

**Tiddikjara li mhux biss ghandha l-gurisdizzjoni li taqta` u tiddeciedi din il-kawza, izda li ghandha taghmel dan skont il-ligi ta` Malta.**

**Tikkundanna lill-konvenuti kollha sabiex ihallsu l-ispejjez kollha relatati ma` din is-sentenza.**

**Tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**